# IL-KELMA

Kelma! Kelma! xi tkun inti?
Minn fejn ġejt? meta tnissilt?
Ġejt minn Alla f'ħin ta' berqa,
Jew biż-żmien f'li int tbiddilt?

Ġejt kif ġejt, int l-isbaħ, l-akbar
Fost kemm hawn egħġubijiet;
Meta moħħi jieqaf fuqek,
Nilmaħ dawl bħal tas-smewwiet.

Toħroġ biss mill-fomm tal-bniedem,
Għax tal-fehma int għelm sabiħ;
Mhux bħal għana tal-agħsafar
Illi jdoqq u jmur mar-riħ.

Ħsieb u nifs is-sura tiegħek,
Qalbek donnha lsien tan-nar,
Tal-imħabba fik il-ħlewwa,
Tal-mibegħda fik l-imrar.

Kemm-il-darba, mlissna f'waqtek,
Tfejt il-qilla ta' Sultan,
U tal-Ħniena, mhux ta' qabar,
għal ħatjin berraħt il-ħdan!

Kemm-il-darba f'nofs taqtiegħa
Fejn il-għadu kien rebbieħ
Bħal sajjetta nsama leħnek,
U mewwitt tal-għadu d-driegħ!

Iżd'int kont li f'dar l-Imħabba
Dħalt, ħalliela, siksnijiet,
U tfajt sħaba mdardra u kergħa
Fuq ix-xemx ta' żewġ ħajjiet.

DUN KARM.